MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-4 ta' Awwissu, 2008

Numru 663/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Edmond Cuschieri**

**vs**

**EMAAD KHALIFA BELEED ZWEITT**

**Illum 4 t'Awissu 2008**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Emaad Khalifa Beleed Zweitt, ta' 35 sena, imwieled nhar is-16 ta' Jannar 1972 fil-Libja, bin Khalifa u Fatima Zweitt, passport Libjan bin-numru 524250 u joqghod 13, Triq Britannja Mosta:

Billi gie akkuzat talli nhar is-26 ta' Lulju 2008 ghall-habta tas-0700A.M min gewwa l-fond garage nru 4 li jifforma parti mir-residenza Vervoville, Triq Patri Avertan Fenech, Mosta ikkometa serq ta' fosthom ghasafar, car stereo tal-marka Mitsubishi, driller u chaser (marka mix maghrufa), li kumplissivament ghandhom valur ta' aktar min 232.94ewro (Lm100), ghad-dannu ta' Lewis Mizzi u Andrew Brinkworth mill-Mosta, liema serq huwa aggravat bil-lok u bil-valur.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok ECP1 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu li sar fis-Seduta tallum, wiegeb li hu hati tal-akkuza dedotta kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' iddikjara li hu hati tal-akkuza dedotta kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Rat l-artikoli 261(c) u (e), 267, 269, 279, 280 u 281(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Emaad Khalifa Beleed Zweitt, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza dedotta kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u l-fedina penali tal-imputat u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Emaad Khalifa Beleed Zweitt ghall-piena ta' sentejn prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma' ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' erba'

(4) snin millum l-imputat Emaad Khalifa Beleed Zweitt jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Emaad Khalifa Beleed Zweitt l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------